**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 383/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**David Xuereb**

Illum, 28 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, David Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 42873(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Jannar tas-sena 2017 u Settembru tas-sena 2017, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi:

1. Bil-vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna ta' A;
2. Fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, l-imġieba tiegħu ammontat għall-segwiment ta' persuna bil-moħbi u qagħad għassa jew spijja lil A;
3. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ta fastidju lil A meta kien jaf jew messu kien jaf li l-aġir tiegħu kien ta fastidju għall-imsemmija persuna;
4. Fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' A u ċioe kontra persuna msemmija fl-artikolu 202;
5. Fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil A l-biża li ser tintuża vjolenza kontrieha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna

jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet;

6. U aktar talli rrenda ruħu reċediv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru 2021, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-ħames imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 49, 198, 202(j)(k), 206, 207, 251A, 251AA u 251C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundanatu għal 8 snin priġunerija. *In oltre*, a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġiet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal zmien tlett snin sabiex jingħata l-għajnuna psikoloġika li jinħtieġ. Ukoll, a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, ordnat il-ħruġ ta' Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat a favur ta' A u l-familjari tagħha kif ukoll fil-konfront ta' B għall-zmien tlett snin. Ukoll, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' €1,775.90 rapprezentanti spejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2021, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza tat-23 ta' Settembru 2021 f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ħames imputazzjoni u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundanatu għal terminu ta' 8 snin priġunerija u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena, jew fin-nuqqas, tikkonferma s-sentenza fejn illiberatu mill-ħames imputazzjoni, u tvarja s-sentenza f'dik il-parti fejn ikkundanatu għal 8 snin priġunerija u konsegwentement tipprovdi għall-piena aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant David Xuereb.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iqajjem ħames aggravji, li *in suċċint* huma s-segwenti:

a) Apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.
b) Interpretazzjoni skorretta tal-liġi da parti tal-Ewwel Qorti.
c) Nuqqas mill-Prosekuzzjoni li tipprova fil-grad rikjest mill-Liġi l-ingredjenti neċessarji għad-delitt ta'l-istupru.
d) Nuqqas ta'l-Ewwel Qorti milli tqis l-istat mentali tal-appellant fil-mument tal-kummissjoni tar-reati lilu addebitati.
e) Il-piena mposta kienet waħda eċċessiva.

Illi magħdud ma' dawn l-aggravji u qabel ma jinoltra ruħu fl-aggravji fil-mertu minnu imqanqla fir-rikors tal-appell, l-appellant jilmenta mill-fatt illi huwa ngħata żmien limitat quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jipprepara d-difiża tiegħu u dana għaliex fil-perkors tal-proċeduri kontra tiegħu, huwa kien kostrett ibiddel l-avukat tiegħu erba' darbiet. Jisħaq li l-ispeditizza tal-Ewwel Qorti sabiex tgħaddi għas-sentenza kienet għalhekk għad-detriment tiegħu u dana għaliex ma ngħatax zmien adegwat sabiex iħejji d-difiza tiegħu.

Illi d-dritt ta' kull persuna mixlija bil-kummissjoni ta' reat li tingħata difiża adegwata u li jkollha żmien biex tħejji tali difiża huwa dritt sanċit mhux biss fil-liġi penali iżda ukoll fil-Kostituzzjoni. Dan magħdud, madanakollu, ma jidhirx illi l-appellant f'xi żmien waqt il-pendenzi tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti lmenta minn din l-allegata vjolazzjoni ta' dritt fil-konfront tiegħu. Lanqas ma jidher illi fittex xi rimedju quddiem *forum* kostituzzjonali f'dan il-kuntest.

Illi l-Qorti fliet l-Atti Proċesswali minn fejn jemerġi illi l-proċeduri kontra l-appellant raw il-bidu tagħhom nhar it-8 ta' Settembru 2017. F'dak iż-żmien huwa kien legalment assistit minn Dr Stephanie Abela. Fil-bqija tas-seduti huwa kien dejjem legalment assistit:

- Fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2017, l-appellant kien assistit minn Dr. Stephanie Abela.
- Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2017, l-appellant kien assistit minn Dr Vincent Micallef u Dr Stephanie Abela.
- Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2017, l-appellant kien assistit minn Dr Stephanie Abela.
- Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2017, l-appellant kien assistit minn Dr Stephanie Abela u Dr Vincent Micallef.
- Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2017, l-appellant kien assistit minn Dr Mario Mifsud u Dr Vincent Micallef.
- Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2018, l-appellant kien assistit minn Dr Stephanie Abela u Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2018, l-appellant kien assistit minn Dr Stephanie Abela u Dr Yanika Vidal.
- Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2018, l-appellant kien assistit minn Dr Yanika Vidal.
- Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2018, l-appellant kien assistit minn Dr Stephanie Abela.
- Fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2018, l-appellant kien assistit minn Dr Stephanie Abela.
- Fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2018, l-appellant kien assistit minn Dr Stephanie Abela u Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2018, l-appellant kien assistit minn Dr Stephanie Abela u Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018, l-appellant kien assistit minn Dr Stephanie Abela.
- Fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2018, l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tal-1 ta' April 2019, l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tal-11 ta' April 2019, l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia u Dr Stephanie Abela.

- Fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2019, l-appellant kien assistit minn Dr Damien Cassar.
- Fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2019, l-appellant ma deherx imma ġie pprezentat ċertifikat mediku tiegħu minn Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tat-2 ta' Awwissu 2019, l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2019, l-appellant ma kienx legalment assistit. Dan ġara ukoll fit-tlett seduti sussegwenti.
- Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020, l-appellant kien assistit minn Dr Francesca Zarb.
- Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2020, l-appellant ma kienx legalment assistit.
- Fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020, l-appellant kien assistit minn Dr Francesca Zarb.
- Fis-seduta tas-26 ta' Awwissu 2020, l-appellant kien assistit minn Dr Francesca Zarb.
- Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2020, l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020, l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020, l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2021, l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia.
- Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020, l-appellant kien assistit minn Dr Amadeus Cachia kif ukoll minn Dr Matthew Xuereb.
- Fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021, l-appellant kien assistit minn Dr Francesca Zarb u Dr Mario Mifsud.
- Fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2021, l-appellant kien assistit minn Dr Mario Mifsud.

- Fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, l-appellant kien assistit minn Dr Mario Mifsud u Dr Francesca Zarb, fejn dakinhar ingħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti.

Illi l-Qorti tosserva wkoll illi fl-ebda verbal fl-atti quddiem l-Ewwel Qorti, li jkopru proċeduri li nfirxu fuq medda ta' tlieta u tletin seduta, ma kien imqanqal ebda lment min naħa tal-appellant jew tad-difensuri tiegħu li ma kienx qed jingħata żmien adegwat sabiex iħejji d-difiza tiegħu. Tali lment, issa mqanqal fi stadju ta' reviżjoni, lanqas ma huwa rifless fl-atti proċesswali. Illi huwa verament odjuż li xi waħda mill-partijiet tipprova tuża l-proċeduri quddiem din il-Qorti, issa fi stadju ta' reviżjoni sabiex jiġu ndirizzati lmenti u aggravji li faċilment setgħu jitqajjmu u jiġu sorvolati in prim'istanza, iżda konvenjentement dan ma seħħx bil-għan uniku illi, issa li l-Qorti għandha idejha marbutin, dan l-ilment iwassal biss ghad-dilungar fil-proċeduri nutilment. *In oltre*, minn eżami tal-atti ma jidhirx illi f'xi ħin l-appellant ma kellux difiża adegwata, kien dejjem assistit abbilment kważi f'kull seduta quddiem l-Ewwel Qorti minn avukati difensuri multepliċi, b'uħud minnhom kienu preżenti mill-istadji kważi iniżjali tal-proċeduri u allura dan l-ilment minnu issa ventilat ċertament ma huwiex rifless fl-atti. Għaldaqstant l-ilment tiegħu fir-rigward ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat dan il-punt preliminari, jifdal sabiex jiġu ndirizzati l-kumplament tal-aggravji imqanqla mill-appellant li essenzjalment jikkonċernaw il-mertu u l-apprezzament tal-provi kif ingħad. Illi l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx il-provi kollha prodotti fl-intier tagħhom. Jilmenta li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti kienet imsejsa fuq selettivita' ta' provi, liema provi ma jirriflettux b'mod komplet il-kuntest kollu tal-viċenda amoruża bejnu u bejn l-allegata vittma. F'dan il-kuntest tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-

atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi minn eżami tal-atti jirrizulta li l-proċeduri penali kontra l-appellant raw il-bidu tagħhom meta nhar is-6 ta' Settembru 2017, ċertu A irrappurtat lil pulizija li oħtha C kienet għadha kemm irċeviet, fuq il-paġna tagħha tal-*Facebook*, ritratti b'konnotazzjonijiet pornografiċi li kienu qed juru immaġini tagħha u tal-appellant waqt attivitajiet sesswali. Hija rrapurtat ukoll li kien hemm diversi drabi meta hija kellha x'taqsam sesswalment mal-appellant kontra l-volonta' tagħha.

Illi l-appellant fl-appell tiegħu jibda biex jattakka l-kreddibilita' tax-xiehda ta' A, l-allegata vittma f'dawn il-proċeduri. Huwa jisħaq li r-relazzjoni amoruża u sesswali ta' bejniethom kienet waħda konsenswali li kienet imsejsa fuq ġibda reċiproka lejn xulxin fejn jistqarr li hu kien rabat qalbu magħha u kien iħobbha. Jisħaq ukoll li li kieku dak allegat minnha kien veritjier, l-istess A ma kinitx ser tesponi lil binha stess għall-kumpanija tal-appellant kif filfatt għamlet. Fl-aħħarnett jallega li l-unika biza' li kellha l-parte ċivile ma kienx minnu izda mis-sieħeb tagħha, ċertu D.

Illi, mill-Atti Proċesswali jirriżulta li meta A tkellmet mal-Pulizija Ezekuttiva għall-ewwel darba hija qaltilhom li kienet iltaqgħet ma' David Xuereb – l-appellant - f'Settembru 2015, fi zmien meta r-relazzjoni tagħha mal-*partner* kienet għaddejja minn żmien turbolenti, fatt li hija ġabet a konjizzjoni tal-appellant. Hija saħqet li hi u l-appellant kienu baqgħu jitkellmu għal ċertu żmien u li hu kien "*understanding*" meta kienet għaddejha minn mumenti ħziena f'ħajjitha. Hija dejjem qaltlu li kienet qegħdha

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

f'relazzjoni ma' terza persuna, iżda, in vista tal-persistenza tiegħu fil-konfront tagħha, fis-sena 2017, kienet waqgħet għall-avvanzi tiegħu tant illi dawn spiċċaw involuti f'relazzjoni intima. Din l-attivita' sesswali fil-bidu kienet waħda konsenswali. Wara xi ftit ġimgħat, iżda, stqarret li xtaqet tirrikonċilja mas-sieħeb tagħha, iżda hawnhekk bdiet tinnota li l-appellant kien qed jossessjona ruħu fuqha u beda jibagħtilha rigali mhux mixtieqa fuq il-post tax-xogħol. Hija bdiet tiddejjaq b'dan l-aġir u qalet lill-appellant li riedet ittemm ir-relazzjoni tagħha miegħu. Hawnhekk l-appellant beda jheddiha li jekk ma jkollix x'taqsam miegħu, huwa kien ser jikxifha mal-*partner* tagħha. Beda jivvessha billi jibagħtilha diversi messaġġi bħal – "*I will show all your texts and phone calls to him. Remember, I got all his details, mobile, address, everything. Enjoy. You do not be with me, but you will be with no one*". Kien bagħtilha ukoll, fost diversi messaġġi oħra li huma ezebiti in atti, – "*Remember, if I want to ruin you, I know how, and I will be the most nasty and savage man on earth, I know what I'm saying*". Bl-użu ta' dan it-theddid l-appellant beda jġiegħel lil A tkompli tiltaqa' miegħu u tissottoponi ruħha għal relazzjonijiet intimi miegħu għalkemm kienet għamlitha ċara li hi ma xtaqitx tkompli f'din ir-relazzjoni. Dan huwa rifless f'diversi messaġġi li ntbagħtu minn A lill-appellant fosthom:

- "*How can you force me to do it against my will?*",
- *Jk qed tara li jien ma nistax you should accept it not force me. It is wrong li you keep forcing me that's why I asked you to get professional help*",
- "*Cos u force me every week, like a whore*",
- "*U can never make love to someone who you force to open her legs*",
- "*I have to come do u stay raping me or C will know. This is not a choice, this is come bilfors*".

U filfatt l-appellant stess jammetti li kien konxju mill-fatt illi A ma reditx iktar ikollha x'taqsam miegħu sesswalment, hekk kif evidenzjat minn messaġġ li bagħtilha (Dok. 13) – "*Do not get me wrong ... imma I want you for the last time .... please ... I know you don't want ...*".

Illi, imbagħad ir-rakkont ta' A dwar dak li għaddiet minnu minn taħt idejn l-appellant jippreżenta xenarju ta' abbuż kemm fiżiku kif ukoll mentali fejn l-appellant ma kien juri ebda rispett lejn ix-xewqat tagħha anke f'okkazzjonijiet fejn is-saħħa tagħha ma kenitx tippermettielha tissokkombi għall-avvanzi sesswali tiegħu, u r-rieda tiegħu

xortawada kienet tirrennja tant illi hija tirrakkonta din is-sokkombenza tagħha għax-xewqat tal-appellant bħala dik ta' "*annimal dieħel għal qatla*". Tixhed ukoll kif għamlet sforzi kbar sabiex tipprova twaqqaf lill-appellant milli jenforza ir-rieda tiegħu fuqha, izda huwa xortawaħda baqa' jippersegwitha u jheddiha u jġiegħlha jkollha x'taqsam miegħu, għalkemm kienet turih biċ-ċar li ma xtaqitx tkompli miegħu, tant illi matul l-att sesswali kienet tibda tibki, indikazzjoni li kellha tkun ċara għall-appellant dwar ir-rieda ta' A f'dawn l-inkontri.

Illi mill-atti jemerġi ukoll illi l-appellant kien jiġbed filmati ta' dawn l-inkontri sesswali u dan għad insaputa ta' A, liema filmati filfatt jinsabu eżebiti in atti. Illi din il-prova tikkorrobora *in toto* l-verżjoni tal-parti offiża billi mill-filmati jemerġi b'mod inekwivoku n-nuqqas ta' kunsens tal-vittma għall-atti sesswali mposti fuqha mill-appellant, fejn saħansitra anka tgħidlu għal diversi drabi sabiex jieqaf milli jkompli bl-att libidinuż, karba li sfortunatament tiġi njoratha mill-appellant. Ta' dawn il-fatti, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, għamlet apprezzament tajjeb ferm u ddettaljat tal-kontenut ta' dawn il-filmati, u a skans ta' repetizzjoni u dilungar zejjed, dina l-Qorti ser tagħmel tagħha dan l-istess apprezzament.

Illi l-Qorti tteni li l-verżjoni tal-fatti kif rakkontati mill-allegata vittma huwa kkorraborat pjenament mill-bosta messaġġi ezebiti in atti kif ukoll mill-filmati msemmija. Magħdud ma' dan, imbagħad ix-xiehda ta' A tikkonferma dak li qalet il-vittma, u ċioe li hija ma riditx ikollha x'taqsam assolutament mal-appellant iżda huwa baqa' jippersegwitaha u jheddiha li jekk ma tagħmilx li jgħidilha kien ser jikxifha mal-*partner* tagħha. L-istess A tgħid li dan l-atteġjament min naħa tal-appellant ħalla impatt ħazin ħafna fuq is-saħħa tal-vittma, fatt li kien kkonfermat ukoll minn oħt il-vittma C kif ukoll mill-Psikoterapista Julianne Grima. Din ta' l-aħħar fil-fatt tixhed u tgħid illi l-vittma hija afflitta mill-kundizzjoni hekk imsejjħa *Post Traumatic Stress Disorder* (*PTSD*), konsegwenza ta' l-esperjenzi koroh u trawmatiċi li A għaddiet minnhom minn taħt idejn l-appellant. Fuq kollox huwa indubitat illi l-vittma dejjem baqgħet konsistenti fir-rakkont tagħha, kemm meta rrapurtat l-akkadut lill-Pulizija, kemm meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti in eżami u kif ukoll meta sarilha il-kontro-ezami mid-difiża.

Illi l-istess ma jistax jingħad għal verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellant li ċertament wera li mhuwiex kreddibbli. Meta jirrilaxxja l-istqarrija tiegħu nhar is-7 ta' Settembru 2017 fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija, huwa jikkonferma essenzjalment dak li tgħid il-vittma, u ċioe' li kien ilu jaf mill-bidu nett tal-inkontri tagħhom li hi kienet f'relazzjoni ma' ħaddieħor. Huwa jikkonferma li kien hemm relazzjoni sesswali bejniethom iżda fil-fehma tiegħu din kienet waħda konsenswali u jtenni li kien iħobbha. Jammetti ukoll li kien stqarr magħha li ser jikxifha mas-sieħeb tagħha, pero' fil-fehma tiegħu dan ma kien jikkostitwixxi ebda theddid fil-konfront tagħha. Lanqas ma kien jikkostitwixxi theddid meta kien jisfurzaha ikollha x'taqsam miegħu għaliex fin-nuqqas kien ser jikxifha mas-sieħeb tagħha. Saħansitra jikkontendi illi l-filmati eżebiti in atti ttieħdu bil-kunsens tal-vittma. Fil-fatt f'wieħed mill-argumenti li jqanqal fl-appell minnu ntentat huwa jsostni li għal vittma kellu jkun evidenti li kien qed jinġibed filmat mill-apparat elettroniku li kien juża' għaliex kien jkun hemm xi dawl ckejken jixgħel. Illi l-Qorti tistqarr illi din hija skuża dgħajfa ħafna mhux biss għaliex ma jippruvax dak minnu allegat sal-grad mistenni minnu, iżda wkoll għaliex mill-filmati stess, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom, huwa bil-wisq evidenti illi l-persuna li tidher fil-filmat u li hija assoġġettata għall-att sesswali ma kellhiex konnoxenza ta' dan il-fatt. *Di piu'* jirriżulta ukoll mill-provi illi l-appellant kien iħejji l-apparat elettroniku bil-għan li jirreġistra l-attivita' sesswali li kien jassoġġetta lil A għaliha qabel ma' din kienet tasal fuq il-post[2], liema aġir jindika l-intenzjoni malizzjuza tiegħu u ċioe' illi juża' l-imsemmija filmati reġistrati bil-moħbi bħala forma ta' rikatt. Fl-istqarrija tiegħu jisħaq li dawn in-nisa li huwa kien jirreġistra l-att sesswali magħhom ma kienux jafu li qed jiġu ffilmjati izda, kumbinazzjoni kienet biss A li kienet taf. Iżda meta jiddeponi quddiem l-Ewwel Qorti jbiddel il-verżjoni tiegħu u jisħaq li dawn in-nisa kienu kollha jafu li qed jiġu ffilmjati. Imbagħad wara twissija f'waqtha da parti tal-Qorti, reġa' dawwar il-verzjoni u qal li A kienet l-unika mara li kienet taf li qed tiġi ffilmjatha.

[2] Fil-filmati jidher l-appellant qiegħed jistenna l-wasla ta' A wara li ikun ipposizjona l-apparat elettroniku f'post mhux vizibbli u iffukkat fuq il-lok fejn huwa kien jipprepara sabiex ikollu x'jaqsam sesswalment mal-vittma.

Kif inhi għal kollox inverosimili it-tweġiba li l-appellant jagħti meta mistoqsi quddiem l-Ewwel Qorti ir-raġuni 'l għala A tidher u tinstema' tibki f'dawn l-inkontri miegħu, fejn huwa jwieġeb *"Ġieli anke normali kienet tibki" ... "Tinfaqa' tibki ma nafx għalfejn u kont insaqsiha u ma kinitx tgħidli, tinfaqa' tibki"*. Il-filmati, fil-fehma tal-Qorti, jikkostitwixxu l-aħjar prova li tindika dak li seħħ verament bejn dawn it-tnejn minn nies, iktar minn dak li joħroġ mill-verżjonijiet rispettivi tagħhom, filmati madanakollu li, kif ingħad, jagħtu konfort lil verżjoni tal-parti offiża u mhux tal-appellant. F'dawn il-filmati l-vittma għal diversi drabi, filwaqt li tinstema' tibki tinsisti mal-appellant biex huwa jiddesisti mill-att sesswali iżda huwa jinjoraha totalment u jisfurzaha biex ikollha x'taqsam miegħu. F'okkazzjoni minnhom saħansitra jinsisti kontinwament biex tieqaf tibki u tipprotesta b'theddida li ser juza vjolenza fuqha u wara dan ikompli biex jaghmel l-att sesswali mal-parti offiża, kif ingħad, kontra r-rieda tagħha. Huwa evidenti għalhekk illi l-kunsens tal-vittma għall-att sesswali kien għal kollox nieqes. Il-Qorti għalhekk lanqas tista' taqbel mal-linja difenzjonali mqanqla mill-appellant illi bil-fatt illi A kienet tibqa tmur tiltaqa' miegħu meta huwa kien jistedinha tmur l-uffiċċju tiegħu, dan kien ifisser awtomatikament illi hija kienet qed tagħti l-kunsens tagħha għall-atti sesswali li kienu jsegwu wara l-wasla tagħha fil-post. Illi l-filmati jixhdu l-kontra u ċioe' illi għalkemm huwa minnu li A kienet tmur fl-uffiċċju tal-appellant dan kienet tagħmlu fuq insistenza tiegħu u ghaliex kienet tibża' minnu u mhux għaliex kienet tagħmel dan minn jeddha. Tant hu hekk illi mal-wasla tagħha fl-uffiċċju kienet mal-ewwel tindika li hija ma reditx tkompli bir-relazzjoni tagħha miegħu. L-appellant stess jikkonferma li kien jheddidha li ser jikxifha mas-sieħeb tagħha u li dan kien jagħmlu *"biex tagħzel lili"*. Dan kollu jkompli jikkonferma li l-appellant kien ben konxju li ma kienx hemm kunsens minn naħa tal-parti offiża għall-avvanzi sesswali tiegħu, tant illi kien jasal biex jirrikkatha, jippersegwietha b'mod morbuż u iheddidha kontinwament sabiex hija tissokkombi għall-abbuż minnu pperpetrat. Il-fatt illi r-rapporti intimi u ta' natura sesswali kienu fl-istadju inizjali konsenswali ma ifissirx illi r-reat tal-istupru ma jissussistiex fil-mument illi dak il-

kunsens jiġi mċaħħad. Kif tajjeb deċiż f'sentenza mogħtija mill-*Corte di Cassazione*[3] fl-Italja:

> *"5.1 È noto che le relazioni sessuali, per la loro variegabilità, costituiscono uno degli essenziali modi di espressione della persona umana, rientranti tra i diritti inviolabili tutelabili costituzionalmente. Se da un lato la libertà sessuale va intesa come libertà di espressione e di autodeterminazione afferente alla sfera esistenziale della persona - e dunque inviolabile - è del pari innegabile che tale libertà non è indisponibile, occorrendo una forma di collaborazione reciproca tra soggetti che vengono in relazione (sessuale) tra loro: collaborazione che deve però permanere senza soluzioni di continuità e incertezze comportamentali per l'intera durata del rapporto. Le costanti precisazioni di questa Corte Suprema sul tema dell'abuso sessuale determinato da un mutamento dell'originario consenso iniziale, fanno sì che* ***anche una conclusione del rapporto sessuale, magari inizialmente voluto (il che non pare essere accaduto nella specie per quanto si osserverà a breve), ma proseguito con modalità sgradite o comunque non accettate dal partner, rientri a pieno titolo nel delitto di violenza sessuale."***

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tistqarr li ma hemm ebda raġuni la legali u lanqas fattwali li jista' iġiegħlha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament approfondit li sar minnha tal-provi u għalhekk tiċħad l-allegazzjoni magħmula mill-appellant illi l-Ewwel Qorti kienet selettiva meta wasslet għad-deċizjoni tagħha. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jilmenta ukoll minn interpretazzjoni skorretta tal-liġi magħmula mill-Ewwel Qorti u li fuq l-istess sejset id-deċiżjoni tagħha. Għalkemm ma jikkontestax illi kien hemm konġunġiment karnali bejnu u bejn il-vittma, madanakollu fil-fehma tiegħu l-element rikjest mill-Liġi u ċioe' dak tal-vjolenza adoperata mill-awtur tar-reat tal-istupru fil-kummissjoni tal-att materjali, huwa nieqes. Huwa jisħaq li filfatt il-parte ċivile mhux minnu kienet tibza' imma mis-sieħeb tagħha ċertu D.

---

[3] **SEZ. III PENALE SENTENZA 7 marzo 2016, n.9221**

Illi, dwar ir-reat ta' stupru, li bih huwa mixli l-appellant, tezisti ġurisprudenza kostanti, liema ġurisprudenza ġiet riprodotta fis-sentenza tal-Ewwel Qorti u li a skans ta' repetizzjoni zejda, dina l-Qorti ser tagħmilha tagħha. Huwa minnu li llum bl-emendi introdotti fil-liġi permezz ta'l-Att XIII tal-2018, il-kunċett ta' "*konġunġiment karnali*" twessa', bl-element tal-vjolenza mhuwiex aktar meħtieġ sabiex jissussisti r-reat tal-istupru. Illi llum l-leġislatur ħaseb sabiex darba għal dejjem jekwipara dan l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas tal-kunsens similment għal posizzjoni legali fil-liġi brittanika fejn kull att sesswali jew tentattiv ta' att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens tal-vittma jammonta għal reita'. Jingħad madanakollu illi l-ġurisprudenza, mal-medda taż-żmien, xortawaħda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal-vittma. F'deċiżjoni mogħtija snin ilu minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta meta kienet qed titratta każ fejn l-persuna akkużata kienet qed tiġi mixlija bir-reat tal-attentat vjolenti fuq il-pudur, kien hekk deċiż:

> **"L-attentat vjolent ghall-pudur, jew oltragg vjolent ghall-pudur, hu kostitwit minn <u>dawk l-attijiet impudici kollha li jigu kommessi fuq persuna ohra kontra l-volonta' taghha</u> li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodici Kriminali."[4]**

Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika jaghti is-segwenti definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi vjolenza kontra n-nisa:

> **"violence against women" is understood as a violation of human rights and a form of discrimination against women and shall mean all acts of gender-based violence that result in, or are likely to result in, physical, sexual, psychological or economic harm or suffering to women, including threats of such acts, coercion or arbitrary deprivation of liberty, whether occurring in public or in private life**

Illi din id-definizzjoni tħaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fiżika, sesswali u psikoloġika jew kull forma ta' ħsara magħmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida għall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma

[4] Pulizija vs Gerald Cassar deċiża nhar it-18 ta' Lulju 1959 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppresduta mill-Imħallef Joseph Flores.

jista' qatt iqies illi l-atti impudici li dwarhom huwa gie misjub hati ma għandhomx fihom l-element tal-vjolenza. Illi għalkemm huwa minnu illi mill-provi ma jirriżultax illi l-appellant eżerċita xi forma ta' vjolenza fiżika fuq il-vittma tiegħu, madanakollu dan l-element jirriżulta meta tavvera ruħha dik il-vjolenza morali u psikoloġika li tikkaġuna ħsara. Issa mill-atti, kif ingħad, huwa evidenti illi din il-vjolenza avverat ruħha mhux biss minn dak li tixhed l-parti offiża inifisha li titkellem dwar abbuż psikoloġiku ininterrot u kontinwu mill-appellant, b'theddid permezz ta' kull meżż kemm elettroniku kif ukoll verbali, iżda ukoll mix-xhieda tal-psikoanalista li tikkonferma illi l-parti offiża illum tbati mill-kundizzjoni tal-PTSD. Xhieda fuq kollox tal-vjolenza inflitta, kif ingħad, temerġi mill-filmati eżebiti bil-vittma tibki u titkarrab mal-appellant sabiex ma jisfurzahiex ikollha x'taqsam miegħu sesswalment. Dan kollu ifisser illi l-appellant bi vjolenza morali u psikoloġika kien iġiegħel lil vittma tiegħu tipparteċipa f'attivita sesswali kontra l-volonta' tagħha, biex b'hekk l-aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-raba' aggravju minnu ntentat, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis l-istat mentali tiegħu fil-mument tat-twettiq tar-reati li dwrahom huwa kien mixli. Huwa jilmenta li fl-ebda waqt tal-proċeduri ma nħatar xi espert sabiex jagħmel rapport ddettaljat fuq l-istat ta' saħħa mentali tiegħu.

Illi l-Qorti minnufih tistqarr illi dan l-ilment huwa għal kollox fieragħ. Ibda biex l-appellant qatt ma qanqal din id-difiża quddiem l-Ewwel Qorti u ressaq provi dwar l-istess. Illi ma kienx jispetta lil Prosekuzzjoni tressaq tali prova, iktar u iktar meta ma kienx jirriżulta illi l-appellant kien afflitt minn xi kundizzjoni li kienet qed tikkompromettielu is-saħħa mentali tiegħu. Huwa prinċipju regolatur fil-kamp penali li "*Min jallega irid jipprova*" u għalhekk kien fl-interess tal-istess difiza li jitolbu l-ħatra ta' tali espert li seta' jissostanzja o meno din l-allegazzjoni minnha ventilata. Din hija qorti ta' revizjoni u kwindi trid neċessarjament tistrieħ fuq il-provi li tressqu in prim' istanza. Fl-atti ma hemmx l-iċken prova illi l-kummissjoni tar-reati addebitati lill-appellant u li dwarhom kien misjub ħati setgħu ġew minnu kommessi filwaqt li ma

kienx *compos mentis*. L-appellant qatt ma jallega illi favur tiegħu tista' teżisti l-eżenzjoni maħsuba fl-artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali. Jingħad madanakollu illi mhux kull stat ta' ġenn jwassal lil persuna akkużata tibbenefika minn din l-eżenzjoni, iżda huwa biss dak l-istat ta' ġenn fis-sens legali illi jrid jissussisti, fejn neċessarjament irid ikun ippruvat li l-akkużat ma kienx jaf x'qed jagħmel u li dak li kien qed jagħmel kien ħażin. U allura għalkemm il-kapaċita' mentali tal-appellat setgħat kienet waħda afflitta minn xi forma ta' kundizzjoni ta' saħħa mentali, dan ma jeżentahx awtomatikament mir-reponsabbilta' penali sakemm ma jiġix ppruvat li huwa ma kienx konxju tal-fatt illi dak li kien qed jagħmel, b'referenza għall-aġir inkriminatorju minnu kommess, u mhux fl-astratt, kien moralment żbaljat u kontra l-liġi.

Għaldaqstant dan l-aggravju mressaq mill-appellant ukoll qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' tmien snin priġunerija, fejn l-appellant jilmenta li din hija ferm eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn l-Ewwel Qorti ma applikatx l-iktar piena miti fil-konfront tiegħu tenut kont tall-emendi li seħħet fil-liġi permezz ta'l-Att XIII tal-2018.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[5].

Illi l-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet dettaljata li wassluha biex teroga il-piena ta' tmien snin priġunerija fil-konfront tal-appellant liema kunsiderazzjonijiet huma ben motivati u legalment validi, fejn l-Ewwel Qorti kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant, applikat il-piena maħsuba għar-

[5] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

reati li dwarhom kien mijsub ħati fiż-żmien tal-kummissjoni ta'l-istess u allura dik il-piena l-iktar favorevoli għalih. Illi ukoll l-piena hija waħda li taqa' fil-parametri detatti mill-Liġi, bir-reat ta'l-istupru kien iġorr, fiż-żmien tal-kummissjoni tiegħu u ċioe' fis-sena 2017, il-piena tal-priġunerija bejn tlett snin u disa' snin, bl-istess piena madanakollu, f'dan il-każ, tista' tiżdied sa żewġ gradi, bl-appellant jiġi misjub ħati bil-kontinwita' tar-reat kif maħsub fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex il-piena fil-massimu tagħha għar-reat tal-istupru biss jiżdied għal dik tal-priġunerija bejn ħames snin u għoxrin sena. Dan ifisser, kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ċertament ma kenitx tqarreb lejn il-massimu maħsub fil-liġi, anzi ixxaqleb aktar lejn il-minimu.

Illi, dina l-Qorti tagħmel ukoll referenza għal bran mill-konkluzzjonijiet tal-*Probation Officer* Cherise Briffa fis-*social enquiry report* redatt minnha, meta din stqarret hekk:

> **"Jidher li l-konsegwenzi mposti fuqu mill-Qorti fil-passat ma kienux bizzejjed ta' deterrent għal David. Jinħass il-bżonn li huwa verament jagħraf il-konsegwenzi marbuta mal-imġieba tiegħu".**

Illi n-natura tar-reati li dwarhom l-appellant kien misjub ħati huma ta' natura serja, bil-Qorti kellha okkazzjoni tkun xhud dirett tal-kummissjoni tar-reat mill-filmati espliċiti eżebiti mill-Prosekuzzjoni, filmati miġbuda mill-appellant stess. Illi il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-ħsara kkaġjonata lil vittma minħabba l-aġir inkriminatorju tal-appellant, meta huwa eżerċita dominanza fuq il-vittma tiegħu għal gratifikazzjoni tal-istinti personali, bl-użu ta' theddid u rikatt. Għaldaqstant, il-piena mposta fuq l-appellant kienet waħda meritata u li tirrifletti ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Dan iwassal sabiex anke dan l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**